# META NIKTEB POEŻIJA

PAWLU MIFSUD

IRRID NISTHAJJEL lili nnifsi poeta, ukoll jekk m'inix. Imma issa tant ili nħażżeż taqbil — iktar minn għoxrin sena żgur — li jidhirli li l-isem ta' poeta sar jixraqli b'xi mod. U billi ġieli smajt ukoll lil xi wħud isejħuli b'dan il-laqam ħlejju ma nixtieqx kieku ngiddeb lil dawn il-ftit — tgħoddhom fuq il-ponot ta' subgħajk — u nistqarr li m'inix.

Immela jien poeta. Kollox sew sa hawn. Biss illum xtaqt infisser ruħi sewwa fuq x'inħoss u x'nagħmel meta niġi biex nikteb poeżija. Ma nafx jekk sħabi l-poeti jġibux ruħhom l-istess bħali għax, kif naħseb ġieli smajtu 'l min igħid, kulħadd hu bniedem għalih waħdu u għalhekk għandek issib min il-ħaġa jifhimha wisq differenti milli naħsibha jien.

L-ewwelnett meta niġi biex nikteb poeżija ma narahiex ħaġa ħafifa daqskemm meta niġi biex nikteb biċċa proża, tkun din forma ta' storja jew ta' kitba oħra. Il-proża naqbad u niktibha meta f'moħħi nkun fassalt erba' punti ġmielhom fuq is-suġġett li rrid nitkellem fuqu jew għaqqadt, bil-għaqal u bis-sengħa meħtieġa, il-ġrajja li nkun nixtieq. Imma l-poeżija xort'oħra: mhux biżżejjed il-ħsibijiet sbieħ u għoljin, imma, irid ikun hemm ma' dawn it-tqanqila tal-qalb. Irrid ngħid jien jekk fil-kitba tal-proża jkun biżżejjed għalija li jaħdem il-moħħ, fil-kitba tal-poeżija, minbarra x-xogħol tal-fantasija, ikolli bżonn l-għajnuna ta' qalb imkebbsa u mixgħula bi ħsus ta' kull xorta. Jekk le', ma nkunux ktibt poeżija li jixirqilha tabilħaqq dan l-isem imma taqbila fqira li bħalha jaf jagħmel kulħadd.

Imbagħad, meta l-qalb u l-moħħ ikunu bdew jaħdmu f'armonija sħiħa u ħelwa ikun jonqosni biss il-karta u l-lapes. Għalkemm naqbad u nibda nikkomponi l-opra tiegħi, biex insejħilha hekk, bil-qisien u bir-reguli li titlob il-prosodija. Iż-żerriegħa tkun nibtet u kull ma jkun jeħtieġ hu ftit tal-kura u tas-sabar biex din in-nebbieta tissokta tikber sa-kemm issir xitla mimlija ward mill-ifjeħ u mill-isbaħ.

Barra minn hekk, imbagħad, xtaqt insemmi wkoll xi ntietef oħra li jien neħtieġhom wisq biex inkun nista' noħloq poeżija tajba u bnina. Ngħidu aħna nkun irrid rokna fid-dar għall-kwiet, 'il-bogħod kemm jista' jkun mill-ħsejjes u mid-distrazzjoni, għax inkella aktarx jiġrili li ninfixel u nitlef il-ħarira. U mhux l-ewwel darba li minħabba f'dawn li semmejt tħabbilt fil-ħsieb u bridt fil-qalb u dik it-tarbija li kellha tit-wieled — nifhem ngħid il-poeżija li xtaqt insawwar — mietet f'ġuf ommha.

Tistagħġbux jekk għedtilkom li l-aħjar lok li nsib biex nikteb poeżija hu rokna mwarrba fid-dar. Insibha aħjar minn roqgħa għad-dell ta' siġra qalb l-egħlieqi u l-widien, jew minn medda ramel qrib il-baħar taħt xemx sħuna. Dak kif jogħġob lili; ħaddieħor jista' jħoss ruħu wisq aħjar f'ambjent għal kollox differenti minn dan. Hawn min jistenna l-ħemda tal-lejl meta l-qamar u l-kwiekeb ikunu jixegħlu u jilmaw biddija fiddiena fil-firxa tas-sema sewdieni. Jien bil-lejl inħossni ferm għajjien biex nista' naħseb ċar u biex qalbi titqanqal kif imiss u kif inhu xieraq. Inkun irrid biss norqod u nistrieħ u mhux nikteb il-poeżija.

Haġa oħra wkoll: meta naħsel nibda nikteb poeżija nkun irrid intemmha u neħles minnha mqar kienet din waħda kemmxejn twila. U ġieli, għaldaqstant, bqajt imwarrab u mitluf waħdi għal siegħa, sagħtejn u iżjed ukoll. U mbagħad, meta darba lestejtha, ikolli seba' mitt sena biex niġbor il-karti kollha u naħbihom f'kexxun fejn ma jsibhomli ħadd.

Imma l-poeżija tiegħi tkun għadha mhix lesta għal kollox. Ikun fadalli norqomha, nillixxaha u nillustraha kif jagħmlu lil biċċa rħama jew għamara. Dak ikun xogħol ta' ġurnata oħra u għal dak il-jum jew tnejn — ġieli ġimgħa wkoll — ma nħarisx aktar lejn il-poeżija ġdida tiegħi. Nagħmel bħall-furnar, inħalli l-għaġina toqgħod. U mbagħad meta jasal il-waqt, naqbadha mill-ġdid u erħili naqraha b'dak il-leħen li jkun l-aktar jixirqilha. Fejn nara stunat inbiddlu, fejn insib dgħajjef insaħħu, u fejn insib fieragħ inqaċċtu 'l barra għal kollox. Nerġa' nibda mill-bidu u għandu mnejn nerġa' wkoll norqom xi tarf 'l hawn u 'l hinn sakemm, jidhirli jien, il-poeżija tiegħi ma jkunx fadlilha ħaġ'oħra għair li tiġi ttajpjata bla żball ħalli hekk tidher fil-għajn biċċa xogħol nadifa u magħquda sewwa.

Fl-aħħarnett ma nkunx irrid min jitlobni naqrahielu, l-aktar jekk dawn ikunu nies tal-familja jew ħbieb ta' ġewwa. Min irid jara x'ħażżiżt ikun irid jitqanna u jistenna sakemm tidher mitbugħa f'ġurnal jew rivista — meta ssib fejn — inkella sal-waqt li tinstema' f'xi programm letterarju li jixxandru minn fuq ir-radju jew it-televiżjoni.

U dak, ħbieb tiegħi, jiġri aktarx lili kull darba li niġi biex nikteb poeżija.